

31992L0024

L 129/154

IL-ĠURNAL UFFIċJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

14.5.1992

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/24/KEE****tal-31 ta' Marzu 1992**

**relatata ma' tagħmir li jillimita l-veloċità jew sistemi bħal dawn abbord li jillimitaw il-veloċità ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur.**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 100a ta' dan,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni (¹),

B'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew (²),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċċali (³),

Billi, huwa importanti li jiġu adottati miżuri bl-għan li jiġi stabilit progressivament is-suq intern fuq kull perjodu li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 1992; billi s-suq intern għandu jinkludi kull żona mingħajr fruntieri interni fejn ikun assigurat il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital;

Billi, il-ħtiġijiet tekniċi li għandhom jissodisfaw il-vetturi bil-mutur b'mod konformi mal-ligġiет nazzjonali jirrelataw, *inter alia*, mal-limitazzjoni tal-veloċità ta' ċerti kategoriji ta' vetturi;

Billi, dawn il-ħtiġijiet ivarjaw minn kull Stat Membru għall-ieħor; billi huwa għaldaqstant meħtieġ li kull Stat Membru jadotta l-istess ħtiġiet jew bħala addizzjoni, jew minnflokk, ir-regoli eżistenti tagħhom sabiex jippermettu, b'mod partikolari, li tiġi applikata l-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva 70/156/KEE (⁴) fir-rigward ta' kull tip ta' vettura;

(¹) ĠU C 229, ta' l-4.9.1991, p. 5.

(²) ĠU C 13, ta' l-20.1.1992, p. 505; u ĠU C 67, tas-16.3.1992.

(³) ĠU C 40, tas-17.2.1992, p. 54.

(⁴) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970, fuq l-approvazzjoni tal-ħalli minn l-istess Membri relatati ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom (ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1) kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 87/403/KEE (ĠU L 220, tat-8.8.1987, p. 44).

Billi, bil-għan li is-sigurtà fit-toroq tiżid u titnaqqas is-severità ta' meta wieħed iweġġa' fil-każijiet ta' aċċidenti li jinvolvu vetturi tal-merkanzija tqila u karrozzi tal-linja, huwa kkunsidrat bħala neċċessarju, u mingħajr telf ta' żmien, li dawn il-kategoriji ta' vetturi bil-mutur jiġu mgħammra bi strumenti li jillimmatw il-veloċità;

Billi, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ambjent u ma' l-ekonomija tnaqqis fit-tniġġiż ta' l-arja u ta' konsum ta' karburant jista' jiġi milħuq;

Billi, f'kull każ meta l-Kunsill jikkonferixxi setgħat lill-Kummissjoni biex timplimenta r-regoli stabbiliti fil-qasam tal-vetturi bil-mutur, huwa xieraq li jkun hemm provediment għal proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fi ħdan Kumitat tal-Parir;

Billi, huwa raġonevoli u utli li jiġu sottoskritti attivitajiet ta' riċerka relatati ma' l-iżvilupp ta' tagħmir dwar il-limitazzjoni tal-veloċità varjabbli mħaddma b'konformità mal-limiti ta' veloċità garantiti mill-kondizzjonijiet eżistenti tat-triq u tat-traffiku fil-qafas tal-programm tas-Sewqan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

- “vettura” għandha tfisser kull vettura bil-mutur tal-kategoriji N<sub>2</sub> u M<sub>3</sub> b'kull piż massimu awtorizzat li ma taqbiżx l-10 tunnellati u tal-kategorija N<sub>3</sub>, kif definita fl-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE, maħsuba għall-użu fit-triq, li għandha ta' l-anqas erba' roti u veloċità tad-disinn massima li taqbeż il-25 km/siegħa,
- “tagħmir li jillimita l-veloċità” għandu jfisser kull strument li jillimita l-veloċità li għalih tista' tiġi konċessa approvazzjoni tat-tip ta' unità teknika separata b'mod konformi mat-tifsira ta' l-Artikolu 9a tad-Direttiva 70/156/EEC. Sistemi ta' veloċità massima ta' vettura mibnija bħala parti mill-vettura, inkorporati fid-disinn tal-vetturi mill-bidu, għandhom jissodisfaw l-istess ħtiġiet tat-tagħmir li jillimita l-veloċità.

*L-Artikolu 2*

L-Istati Membri ma jistgħux jirrifjutaw:

- approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew tat-tip nazzjonali ta' kull vettura, jew jirrifjutaw jew jipprobixxu l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' vettura fuq raġunijiet relatati mat-tagħmir ta' strumenti li jillimitaw il-veloċità tagħha,
  - approvazzjoni tat-tip ta' l-unità teknika tal-KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal kull strument li jillimita l-veloċità, jew jipprobixxu l-bejgħ jew l-użu ta' kull strument li jillimita l-veloċità,
- jekk il-kondizzjonijiet ta' l-Annessi ta' din id-Direttiva jkunu sodisfatti.

*L-Artikolu 3*

Kull emenda neċċessarja biex il-ħtiġiet ta' l-Annessi ta' din id-Direttiva jiġu adattati għall-progress tekniku, għandha tiġi adottata b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

*L-Artikolu 4*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-ligħiġiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1993. Wara, huma għandhom minnufih javżaw lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw id-dispożizzjonijiet li għalihom hemm referenza fis-subparagrafu preċedenti, għandu jkun fihom kull referenza għal din id-Direttiva jew jiġi akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi biex tiġi immarkata kull referenza bħal din għandhom jiġi adottati mill-Istati Membri.

*L-Artikolu 5*

B'effett mill-1 ta' Jannar 1994, l-Istati Membri:

- ma jistgħux aktar joħorġu d-dokument previst fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 70/156/KEE fil-każ ta' tip ta' vettura li l-strument li jillimita l-veloċità tagħha ma jissodisfax il-kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva,
- jistgħu jirrifjutaw li jikkonċedu approvazzjoni tat-tip nazzjonali fil-każ ta' tip ta' vettura li l-strument li jillimita l-veloċità tagħha ma jikkonformax mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

B'effett mill-1 ta' Ottubru 1994, l-Istati Membri jistgħu jiprobixxu l-ewwel dħul fis-servizz ta' vetturi, meta vetturi bħal dawn ma jkunux mgħammra b' tagħmir li jillimita l-veloċità li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

*L-Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi Brussel, fil-31 ta' Marzu 1992.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Vitor MARTINS

*L-ANNESS 1*

## 1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

- 1.1. Din id-Direttiva tapplika għal tagħmir li jillimita l-veloċità, li għandu l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE bħala unitajiet tekniċi separati għall-vetturi bil-mutur, u t-tagħmir ta' vetturi bil-mutur, kif deskritt fl-Artikolu 1, b'dawn l-istumenti approvati jew bi strumenti bħal dawn li jillimitaw il-veloċità li jissodisaw il-kondizzjoni-jiet ta' l-Annessi ta' din id-Direttiva.

Vetturi bil-mutur, li l-veloċità tad-disinn massima tagħhom hija inqas mill-veloċità stabbilita skond il-kondizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE ta' l-10 ta' Frar 1992 fuq l-installazzjonijiet u l-użu ta' strumenti li jillimitaw il-veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi bil-mutur fil-Komunita (¹), jistgħu ma jkunux mgħammra b'tagħmir jew sistemi li jillimitaw il-veloċità.

L-iskop ta' din id-Direttiva hu li l-veloċità massima fit-triq ta' vetturi li jgħorru merkanzija kbira jew passiġġier tiġi stabbilita għal kull valur spċificu. Dan jista' jsir b'kull tagħmir li jistabilixxi l-veloċità jew b'kull sistema abbord li tillimita l-veloċità li l-funzjoni ewlenja tiegħu/tagħha hi li tikkontrolla l-alimentazzjoni tal-karburant fil-magna.

## 2. DEFINIZZJONIJIET

- 2.1. Għall-iskop ta' din id-Direttiva:
- 2.2. "Veloċità ta' limitazzjoni V" tfisser il-veloċità massima ta' vettura b'tali mod li d-disinn jew it-tagħmir tagħha ma jippermettix kull reazzjoni wara li ssir kull azzjoni pożittiva fuq il-kontroll ta' l-aċċelleratur.
- 2.3. "Veloċità stabbilita (Vset)" tfisser il-veloċità medja maħsuba tal-vettura meta din tkun qed taħdem f'kull kondizzjoni stabbl.
- 2.4. "Veloċità stabbi (Vstab)" tfisser il-veloċità tal-vettura meta din tkun qed taħdem fil-kondizzonijiet spċifikati fil-punt 1.1.4.2.3 ta' l-Anness III.
- 2.5. "Tagħmir li jillimita l-veloċità" jfisser kull strument li l-funzjoni primarja tiegħu hi li jikkontrolla l-alimentazzjoni tal-karburant fil-magna sabiex il-veloċità tal-vettura tiġi llimitata għal valur spċificu.
- 2.6. "Piż meta mhux mgħobbi" ifisser il-piż tal-vettura fi stat ta' tħaddim, li jinkludi l-l-kwidu li jkessaħ, iż-żjut, il-karburant, l-għoddha u l-istepni abbord, fejn jaapplika.
- 2.7. "Tip ta' vettura" tfisser vetturi li mhumiex essenzjalment differenti f'aspetti bħal:
- 2.7.1. – il-mudell u t-tip tas-sistema li tillimita l-veloċità jew it-tagħmir li jillimita l-veloċità, jekk ikun hemm,
  - 2.7.2. – il-limiti ta' veloċitajiet li fihom tista' tiġi ffissata il-limitazzjoni fil-limiti stabbiliti għall-vettura ppruvata,
  - 2.7.3. – il-proporzjon tal-qawwa massima tal-magna mal-piż meta mhux mgħobbi, inqas minn jew ugħali għal dak tal-vettura t-testjata, u
  - 2.7.4. – l-ogħla proporzjon tal-veloċità tal-magna mal-veloċità tal-vettura fl-ogħla ger, inqas minn dik tal-vettura t-testjata.
- 2.8. "Tip ta' tagħmir li jillimita l-veloċità" ifisser tagħmir li jillimita l-veloċità li mhumiex differenti fil-karatteristiċi essenzjali bħal:
- il-mudell u t-tip ta' tagħmir,
  - il-valuri tal-limiti ta' veloċità li fihom jista' jiġi stabbilit it-tagħmir li jillimita l-veloċità,
  - il-metodu użat biex jikkontrolla l-alimentazzjoni tal-karburant fil-magna.

## 3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

- 3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' kull vettura għal dak li għandu x'jaqsam mal-limitazzjoni tal-veloċità għandha tiġi ppreżentata mill-fabrikant tal-vettura jew mir-rappreżtant, akkreditat kif xieraq, tiegħu.
- 3.2. Magħha għandu jkun hemm id-dokumenti msemmija hawn taħt, fi tliet kopji, u d-dettalji li ġejjin:
- 3.2.1. kull deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' vettura u tal-partijiet tal-vettura relatati mal-limitazzjoni tal-veloċità, li tinkludi d-dettalji u d-dokumenti li hemm referenza għalhom fl-Anness II, l-Appendiċi I.

(¹) ĠU L 57, tat-2.3.1992, p. 27.

- 3.2.2. Kull vettura rappreżentattiva tat-tip li trid tiġi approvata, lis-servizz tekniku responsabbi mit-twettiq ta' testiġiet ta' verifikasi ta' l-approvazzjoni.
- 3.2.3. Kull vettura li ma jkollhiex il-komponenti kollha li jikkorrispondu mat-tip, tista' tiġi aċċettata għall-verifikasi kemm-il darba l-applikant ikun jista' juri, għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti, li l-assenza tal-komponenti nieqsa m'għandhom l-ebda effett fuq ir-riżultati tal-verifikasi, sa fejn huma kkonċernati l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.
- 3.3. L-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti sodisfaċenti biex jiġu żgurati kontrolli effettivi fuq il-konformità tal-produzzjoni qabel tinħareġ approvazzjoni tat-tip tal-KEE.

#### 4. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

- 4.1. Jekk il-vettura ppreżentata għall-approvazzjoni skond din id-Direttiva tissodisfa l-ħtiġiet tal-punt 7 hawn taħt, għandha tinħareġ approvazzjoni tat-tip ta' dik il-vettura.

Irid jiġi kkommunikat avviż ta' approvazzjoni jew ta' estensjoni jew ta' rifjut ta' approvazzjoni ta' tip ta' vettura skond din-Direttiva, lill-Istati Membri permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness II, l-Appendiċi 2 ta' din id-Direttiva.

- 4.2. Għandu jiġi assenjat kull numru ta' approvazzjoni għal kull tip approvat. L-istess Stat Membru ma jistax jas-senja l-istess numru għal tip ieħor ta' vettura.

#### 5. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE GĦAL UNITÀ TEKNIKA GĦAL TAGħMIR LI JILLIMITA L-VELOĊITÀ

- 5.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE għal strument li jillimita l-veloċitā bħala kull unità teknika trid tiġi ppreżentata mill-fabbrikant ta' t-tagħmir li jillimita l-veloċitā jew mir-rappreżtant, akkreditat b'mod xieraq, tiegħu.
- 5.2. Għal kull tip ta' tagħmir li jillimita l-veloċitā, l-applikazzjoni jrid ikollha magħha:
- 5.2.1. dokumentazzjoni, fi tliet kopji, li tagħti deskrizzjoni tal-karatteristiċi tekniċi ta' t-tagħmir li jillimita l-veloċitā u tal-metodu ta' kif dan irid jiġi nstallat fuq tip wieħed jew aktar ta' vettura li għaliha huwa maħsub li jit-waħħal tagħmir li jillimita l-veloċitā;
- 5.2.2. ħames kampjuni ta' kull tip ta' tagħmir li jillimita l-veloċitā; il-kampjuni jridu jkunu mmarkati b'mod ċar u b'inika li ma titħassarx bl-isem kummerċjali jew il-marka ta' l-applikant u l-isem nominat tat-tip;
- 5.2.3. kull vettura jew magna (fil-każ ta' verifikasi fuq bank ta' magna) mgħammra bit-tagħmir li jillimita l-veloċitā li trid issir lu l-approvazzjoni tat-tip, magħżul mill-applikant bi qbil mas-servizz tekniku responsabbi biex jagħmel il-verifikasi ta' l-approvazzjoni.
- 5.3. L-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti sodisfaċenti biex jiġu assigurati kontrolli effettivi tal-konformità tal-produzzjoni ta' tagħmir tal-limitazzjoni tal-veloċitā qabel tinħareġ approvazzjoni tat-tip tal-KEE.

#### 6. APPROVAZZJONI

- 6.1. Jekk l-strument li jillimita l-veloċitā ippreżentat għall-approvazzjoni b'mod konformi ma' din id-Direttiva jissodisfa l-kondizzjonijiet tal-punt 7 hawn taħt, għandha tinħareġ l-approvazzjoni ta' dak it-tip ta' strument li jillimita l-veloċitā.
- 6.2. Kull numru ta' approvazzjoni għandu jkun assenjat għal kull tip ta' tagħmir li jillimita l-veloċitā approvata. L-ewwel żewġ numri tiegħu (00 għad-Direttiva fil-forma oriġinali tagħha) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-emendi maġġuri l-aktar riċenti magħmulu għad-Direttiva fiż-żmien tal-ħruġ ta' l-approvazzjoni. L-istess Stat Membru ma jistax jassenja l-istess numru għal tip ieħor ta' strument li jillimita l-veloċitā.

- 6.3. Irid jiġi kkomunikat avviż ta' approvazzjoni jew ta' estensjoni jew ta' rifjut ta' approvazzjoni ta' tip ta' tagħmir li jillimita l-veloċità skond din-Direttiva, lill-Istati Membri permezz ta' kull formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness II, l-Appendiċi 4 ta' din id-Direttiva.
- 6.4. Marka ta' approvazzjoni internazzjonali għandha tīgħi meħmuża, b'mod evidenti u f'post li huwa aċċessibbi malajr, spċċifikat fuq il-formola ta' l-approvazzjoni, għal kull tagħmir li jillimita l-veloċità li jikkonforma ma' kull t-tip ta' tagħmir li jillimita l-veloċità approvat taħt din id-Direttiva li tikkonsisti minn:
- 6.4.1. kull rettangolu madwar l-ittra "e" segwit bin-numru distintiv tal-pajjiż li jkun ġareġ l-approvazzjoni; u
  - 6.4.2. in-numru ta' l-approvazzjoni kif mogħti fuq iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE (ara l-Anness II, l-Appendiċi 4), ħdejn ir-rettangolu tal-marka ta' l-approvazzjoni.
- 6.5. Il-marka ta' l-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u mingħajr ma tista' titħassar.
- 6.6. L-Anness II, l-Appendiċi 6 ta' din id-Direttiva jagħti kull eżempju ta' l-arranġament tal-marka ta' l-approvazzjoni.

## 7. ĦTIĠIET

### 7.1. Ċonvenzioni

- 7.1.1. Il-limitazzjoni tal-veloċità trid tkun tali li l-vettura, fužu normali, minkejja li tista' tkun suġġetta għal xi vibrazzjonijiet, trid tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. L-istruмент li jillimita l-veloċità għandu jkun iddisinjat, mibni u mmuntat b'tali mod li jippermetti li l-vettura, fužu normali, mgħammra b'tagħmir li jillimita l-veloċità, tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.
- 7.1.2. B'mod partikolari, it-tagħmir li jillimita l-veloċità irid ikun iddisinjat, mibni u mmuntat b'tali mod li jirreżisti l-fenomeni ta' korrużjoni u taż-żmien li jkun esposti għalhom u li jirreżisti t-tbagħbis.
- 7.1.2.1. Il-limitu ta' restizzjoni ma jista', fl-ebda każ, ikun jista' jiżdied, jew jutnejha temporanġament jew permanen-tement minn fuq vetturi li qed jintużaw. L-invjolabilità għandha tīgħi murija lis-servizz tekniku b'dokumen-tazzjoni li tanalizza l-failure mode' li fiha s-sistema tkun ser tīgħi eżaminta globalment.
- L-analiżi għandha turi, meta jiġi kkunsidrat l-istati differenti meħuda mis-sistema, il-konseguenzeni ta' kull modifika b'nuqqasijiet fl-istati ta' dħul u ta' ħruġ, il-possibilitajiet li jinkisbu dawn il-modifiki permezz ta' nuqqasijet jew tħagħbis, u l-possibilità tal-preżenza tagħhom. Il-livell ta' analiżi għandu jkun dejjem sa l-ewwel nuqqas.
- 7.1.2.2. Il-funzjoni ta' limitazzjoni tal-veloċità, it-tagħmir li jillimita l-veloċità u l-konnessjonijiet meħtieġa għat-thad-dim tiegħi, barra dawk li huma essenzjalji għat-tħaddim tal-vettura, għandhom ikunu jistgħu jiġi protetti minn kull aġġustament mhux awtorizzat jew mill-interruzzjoni tal-forniment ta' enerġija tiegħi, bit-twaħħil ta' strumenti li jissiġillaw u / jew bil-bżonn li jintużaw għodod spċċjali.
- 7.1.3. Il-funzjoni tal-limitazzjoni tal-veloċità u t-tagħmir li jillimita l-veloċità m'għandhomx jazzjonaw is-sistema tal-brejkjiet tal-vettura. Kull brejk permanenti (eż. ritardatur) jista' jiġi inkorporat biss jekk dan jaħdem wara li l-istruмент li jillimita l-veloċità ikun irrestrinġa l-alimentazzjoni tal-karburant għall-pożizzjoni minima ta' karburant.
- 7.1.4. Il-funzjoni ta' limitazzjoni tal-veloċità jew it-tagħmir li jillimita l-veloċità irid tkun tali li ma jaffettwax il-veloċità tat-triq tal-vettura jekk tiġi applikata kull azzjoni pożittiva fuq l-aċċelleratur meta l-vettura tkun ġhaddejja bil-veloċità stabbilita tagħha.
- 7.1.5. Il-funzjoni ta' limitazzjoni tal-veloċità jew it-tagħmir li jillimita l-veloċità jista' jippermetti li jkun hemm kontroll normali ta' l-aċċeleratur sabiex ikun jista' jitbiddel il-gear.
- 7.1.6. L-ebda nuqqas ta' tħaddim sodisfaċenti jew tħagħbis, m'għandu jirriżulta f'żieda fil-qawwa tal-magna aktar minn dik mitluba mill-pożizzjoni ta' l-aċċeleratur tas-sewwieq.
- 7.1.7. Il-funzjoni ta' limitazzjoni tal-veloċità għandha tinkiseb, independentement mill-kontroll ta' l-aċċeleratur użat jekk ikun hemm iktar minn kontroll wieħed bħal dan li jista' jintla ħaq mill-pożizzjoni ta' bil-qiegħda tas-sewwieq.
- 7.1.8. Il-funzjoni ta' limitazzjoni tal-veloċità jew it-tagħmir li jillimita l-veloċità għandu jaħdem b'mod sodisfaċenti fl-ambjent elettromanjetiku tiegħi mingħajr interruzzjoni elettromanjetika inaċċettabli għal kwalunkwe ħaġa f'dan l-ambjent.
- 7.1.9. Kull komponent meħtieġ għat-tħaddim komplet tal-limitazzjoni tal-veloċità jew tat-tagħmir li jillimita l-veloċità għandhom jimtlew bl-energijsa waqt li l-vettura tkun misjuqa.

## 7.2. Kondizzjonijiet specjalni

- 7.2.1. Għal kategoriji differenti ta' vetturi bil-mutur, il-veloċità ta' limitazzjoni V għandha tiġi stabbilita b'mod konformi mad-Direttiva 92/6/KEE.
- 7.2.2. Din il-limitazzjoni tal-veloċità tista' tinkiseb, jew bit-tagħmir tal-vetturi bil-mutur li jkollhom strumenti li jil-limitaw il-veloċità li jkollhom l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, jew b'sistemi bħal dawn abbord tal-vetturi li jwettqu l-istess funzjoni ta' limitazzjoni tal-veloċità.
- 7.2.3. Il-veloċità stabbilita għandha tkun indikata fuq kull plakka f'kull pożizzjoni li tidher fil-kumpartiment tas-sewwieq ta' kull vettura.

## 8. TEST

Il-provi tal-limitazzjoni tal-veloċità li l-vettura jew it-tagħmir li jillimita l-veloċità ppreżentati għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, iridu jiġu soġġetti għal, kif ukoll, l-eżekuzzjonijiet ta' limitazzjoni meħtieġa, huma deskritti fl-Anness III ta' din id-Direttiva.

Fuq talba tal-fabrikant u bi qbil ma' l-awtorita ta' l-approvazzjoni tat-tip, vetturi li l-veloċità massima kkalkulata, mhux limitata tagħhom, ma taqbix il-veloċità stabbilita definita għal dawk il-vetturi, jistgħu ikunu eżentati mit-testijiet ta' l-Anness III kemm-il darba l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva jkunu ssodisfati.

## 9. MODIFIKAZZJONI TAT-TIP TA' VETTURA JEW TAT-TAGħMIR LI JILLIMITA L-VELOĊITÀ U ESTENSIJONI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE

- 9.1. Kull modifika tat-tip ta' vettura jew tat-tip ta' strument li jillimita l-veloċità għandha tkun innotifikata lid-dipartiment amministrattiv li jkun approva t-tip ta' vettura. Id-dipartiment imbagħad jista' jew:

  - 9.1.1. jikkonsidra li l-modifikasi li saru m'għandhomx tendenza li jkollhom kull effett kuntrarju konsiderevoli u li, f'kull każ, il-vettura jew it-tagħmir li jillimita l-veloċità xorta għadu jikonforma mal-kondizzjonijiet; jew
  - 9.1.2. li jkun hemm bżonn ta' rapport ta' prova oħra mis-servizz tekniku responsabbi mit-twettiq tal-provi.

- 9.2. Konferma jew rifxut ta' approvazzjoni, fejn tkun spċifikata l-alterazzjoni, għandha tiġi kkomunikata lill-Istati Membri bil-proċedura spċifikata fil-paragrafu 4.1 ta' hawn fuq.
- 9.3. L-awtorità kompetenti li toħroġ kull estensjoni ta' approvazzjoni għandha tassenja kull numru serjali għal kull formola ta' komunikazzjoni mimmlja għal kull estensjoni bħal din.

## 10. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

- 10.1. Kull vettura jew strument li jillimita l-veloċità approuvat taħt din id-Direttiva għandu jkun iffabbrikat b'tali mod li jikkonforma mat-tip approuvat billi jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt 7 ta' hawn fuq.
- 10.2. Sabiex ikun verifikat li l-kondizzjonijiet ta' l-entrata 10.1 ġew sodisfatti, għandhom isiru kontrolli adegwati tal-produzzjoni.
- 10.3. Min ikollu l-approvazzjoni għandu, b'mod partikolari:
  - 10.3.1. jiżgura l-eżistenza ta' proċeduri għall-kontroll effettiv tal-kwalitā tal-vettura jew tat-tagħmir li jillimita l-veloċità;
  - 10.3.2. ikollu aċċess għat-tagħmir tal-prova meħtieġ biex jiċċekkja l-konformità ta' kull tip approuvat;
  - 10.3.3. jiżgura li l-fatti magħrufa (*data*) tar-riżultat tat-test ikun irreggistrat u li d-dokumenti annessi jibqgħu disponibbi għal kull perjodu li jrid jiġi stabbilit mid-dipartiment amministrattiv;
  - 10.3.4. janalizza r-riżultati ta' kull tip ta' verifika, sabiex jivverifika u jiżgura l-konsistenza tal-karakteristiċi tal-vettura jew tat-tagħmir li jillimita l-veloċità, billi jikkonċedi li jkun hemm varjazzjonijiet permissibbi fil-produzzjoni industrijali;
  - 10.3.5. jiżgura li għal kull tip ta' vettura jew ta' tagħmir li jillimita l-veloċità isiru kontrolli u testijiet biżżejjed b'mod konformi mal-proċeduri approuvati mill-awtorità kompetenti;

- 10.3.6. jiġgura li kull sett ta' kampjuni jew ta' biċċiet tal-prova li jagħtu xhieda li hemm nuqqas ta' konformità fit-tip ta' prova kkonċernata għandlu iwassal għal kull ġabrab ta' kampjuni u għal kull prova oħra. Għandu jit-tieħed kull pass meħtieġ biex jergħa' jkun hemm konformità tal-produzzjoni korrispondenti.
- 10.4. L-awtorità kompetenti li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip tista' tivverifika f'kull mument il-metodi ta' kontroll applikati f'kull unità ta' produzzjoni.
- 10.4.1. F'kull spezzjoni, ir-rekords tal-provi u d-dokumenti tal-produzzjoni għandhom jiġu ppreżentati lill-ispettur li jkun qed iżur.
- 10.4.2. L-ispettur jista' jagħżel kull kampjuni fuq il-bażi ta' kif jinzerha biex jiġi ttestjati fil-laboratorju tal-fabbrikant. In-numru minimu ta' kampjuni jista' jiġi stabbilit b'mod konformi mar-riżultati tal-kontrolli tal-fabbrikant stess.
- 10.4.3. Meta l-livell tal-kwalità ma jidherx sodisfaċenti jew jidher li hemm bżonn li tiġi ppruvata l-validità tat-testijiet li jkunu saru bl-applikazzjoni ta' l-entrata 10.4.2., l-ispettur għandu jagħżel il-kampjuni li għandhom jintbagħtu lis-servizz tekniku li jkun wettaq il-provi ta' l-approvazzjoni tat-tip.
- 10.4.4. L-awtorità kompetenti tista' twettaq kull test stabbilit f'din id-Direttiva. Il-frekwenza normali ta' spezzjonijiet awtorizzati mill-awtorità kompetenti għandha tkun ta' darba kull sentejn. F'każżejjiet fejn jinstabu riżultati mhux sodisfaċenti matul waħda minn dawn l-ispezzjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha tassigura li jit-tieħdu l-passi meħtieġa sabiex terġa' tinkiseb il-komformità tal-produzzjoni malajr kemm jista' jkun.

## 11. PIENI GĦAN-NUQQAS TA' KOMFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

- 11.1. L-approvazzjoni maħruġa fil-każ ta' kull tip ta' vettura jew ta' tip ta' tagħmir li jillimita l-veloċità b' mod konformi ma' din id-Direttiva tista' tiġi rtirata jekk il-ħtiġiet stabbiliti fl-entrata 7 ta' hawn fuq ma jkunux imħarsa.
- 11.2. Jekk kull Stat Membru jirtira kull approvazzjoni tat-tip tal-KEE li hu jkun ħareġ qabel, għandu jinforma b'dan minnufih lill-Istati Membri l-oħra, permezz ta' kopja taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE b'mod konformi mal-mudell stabbiliti fl-Anness II, l-Appendiċi 2 jew 4.

*L-ANNESS II**L-Appendiċi 1***ID-DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI Nru ...**

**b'mod konformi ma' l-Anness 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE relatat ma' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' tip ta' vettura bil-mutur f'dak li għandu x'jaqsam mal-limitazzjoni tal-veloċità jew ma' tagħmir li jillimita l-veloċità**

(Id-Direttiva 92/24/KEE)

L-informazzjoni li ġejja, jekk din tkun tapplika, għandha tiġi ppreżentata fi tliet kopji u għandha tinkludi kull-lista tal-kontenut. Jekk ikun hemm xi skizzi, dawn għandhom jiġu sottomessi fl-iskala adegwata u b'dettall sufficienti fuq daqs A4 jew milwija għal dak id-daqs. Fil-każ ta' hidmiex ikkontrollati minn mikroproċessur, ipprovdi l-informazzjoni rilevanti relatata ma' l-eżekuzzjoni.

## 0. ĠENERALI

- 0.1. Mudell (isem kummerċjali tal-fabbrikant): .....
- 0.2. Tip u deskrizzjoni kummerċjali: .....
- 0.3. Mezzi ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk dawn huma mmarkati fuq il-vettura (b) <sup>(1)</sup>: .....
- 0.3.1. Lok ta' dik il-marka: .....
- 0.4. Kategorija tal-vettura (c): .....
- 0.5. Isem u indirizz tal-fabbrikant: .....
- 0.6. Post tal-plakki statutorji u ta' l-iskrizzjonijiet u l-mod ta' kif iridu jitwaħħlu:
  - 0.6.1. fuq ix-xażi: .....
  - 0.6.2. fuq il-bini tal-body tal-karozza: .....
- 0.7. Fil-każ ta' komponenti jew ta' unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu ta' kif trid titwaħħal il-marka ta' l-approvazzjoni tal-KEE: .....
- 0.8. Indirizz/i tal-fabrika/fabriki ta' l-immuntar: .....

<sup>(1)</sup> In-numri ta' l-entrata u n-noti fil-qiegħ tal-paġna użati f'dan id-dokument ta' informazzjoni jikkorrisopondu ma' dawk imwaqqfa fl-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 87/403/KEE. Entrati li mhumiex rilevanti għall-għan ta' din id-Direttiva tħallew barra.

1. KARATTERISITIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA
- 1.1. Ritratti u / jew disinni tal-vettura rappreżentattiva: .....
2. PIŻIJIET U DIMENSJONIJIET (e) (f'kg u mm) (irreferi għad-disinn fejn hemm bżonn):
  - 2.6. Piż tal-vettura bil-bodi fi stat tajjeb ta' tħaddim, jew il-piż taxxażi bil-kabina jekk il-fabbrikant ma jwaħħalx il-bini tal-body (li jinkludi l-likwidu li jkessaħ, iż-żjut, il-karburant, l-għodda, l-istepni u s-sewwieq) (o) (mass. u min. għal kull verżjoni):  
.....  
.....  
.....  
.....
  - 2.8. Piż massimu teknikament permissibbli mgħobbi mill-fabbrikant (y) (mass. u min. għal kull verżjoni):  
.....
3. IMPJANT TA' ENERĠIJA (q)
  - 3.1. Fabbrikant: .....
  - 3.1.1. Kodiċi tal-magna tal-fabbrikant (kif immarkata fuq il-magna, jew mezz ieħor ta' identifikazzjoni):  
.....
  - 3.2. Magna interna ta' kombustjoni: .....
  - 3.2.1. Informazzjoni ta' magna spċċifika: .....
  - 3.2.1.1. Prinċipju ta' tħaddim: *positive ignition/compression ignition, four stroke/ two stroke* (<sup>2</sup>):
  - 3.2.1.3. Volum tal-magna (S): ..... cm<sup>3</sup>
  - 3.2.1.4. Proporzjon ta' kompressjoni volumetrika: .....
  - 3.2.1.8. Enerġija massima netta (+): ..... kW f ..... min<sup>-1</sup>
  - 3.2.1.9. Veloċità massima permessa tal-magna kif stabbilita mill-fabbrikant: ..... min<sup>-1</sup>
  - 3.2.1.10. "torque" massimu nett (+): ..... Nm f ..... min<sup>-1</sup>
4. TRASMISSJONI (v)
  - 4.2. Tip (mekkaniku, idroliku, elettriku, eċċ): .....
  - 4.5. Kaxxa tal-gerijiet: .....
  - 4.5.1. Tip (manwali/awtomatiku/CVT (<sup>1</sup>) (<sup>2</sup>)):
